**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Ġuramentat Numru 49/2024DC**

***Luciana Brincat (K.I. Numru 393774M)***

***vs***

***Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku;***
***Is-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa għal kull interess li jista' jkollu; u***
***L-Avukat tal-Istat***

**Illum, 14 ta' Jannar 2025**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**rikors ġuramentat tal-attriċi** ppreżentat fit-22 ta' Jannar, 2024 permezz ta' liema ppremettiet:-

> *ILLI l-esponenti taħdem bħala Senior Midwife fis-sistema tas-saħħa fl-Isptar Mater Dei u tgawdi minn sebgħa u għoxrin (27) sena esperjenza hands on ta` eċċellenza fil-professjoni tal-midwifery oltre li tgawdi minn kwalifici akkademici nkluz edukazzjoni terzjarja fis-suġġett;*
>
> *ILLI permezz ta` Ċirkolari Numru HR/MFH/19/2033 datata 10 ta` Marzu, 2023 [Ref. No. 414/2023] inħarġet sejħa sabiex jintela` il-post ta` `Charge Midwife` fl-Isptar Mater Dei;*
>
> *ILLI l-esponenti espremiet l-interess tagħha għall-post ta` `Charge Midwife` billi applikat biex tipparteċipa għas-sejħa de quo u dan flimkien ma` wieħed u għoxrin (21) applikanta oħra;*
>
> *ILLI fit-23 u fl-24 ta` Mejju, 2023 inżammu l-interviews minn Bord tal-Għażla magħmul minn Joseph Darmanin, Mario Borg u Dorothy Meli liema membri mhumiex prattikanti fil-professjoni tal-midwifery;*
>
> *ILLI fit-12 ta` Lulju 2023, saret kommunikazzjoni permezz ta` SMS li kienet tgħid "kindly note that a result for the Post of Charge Midwife at MDH with the MFH*

*has been published and may be viewed at MDH and MFH`s notice board in Valletta."*

*ILLI l-esponenti, wara li vverifikat ir-riżultati hekk pubblikati, irriżulta, b`sorpriża kbira għaliha, li hija sabet ruħha fl-għoxrin post [20th] fuq il-lista maħruġa bħala "Order of Merit";*

*ILLI sussegwentament, l-esponenti resqet petizzjoni formali permezz ta` e-mail mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (PSC) fit-18 ta` Lulju, 2023, li permezz tagħha inter alia talbet għal re-valwazzjoni tal-breakdown tal-marki lilha mogħtija wara li spjegat b`mod dettaljat il-bażi tal-ilment tagħha dwar ir-riżultat tal-Bord tal-Għażla;*

*ILLI fl-4 ta` Awissu, 2023, ukoll permezz ta` e-mail, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (PSC), b`risposta għall-petizzjoni surreferita tal-esponenti, irrispondew billi ppruvaw, iżda marnexxilhomx, jagħtu spjegazzjoni dwar l-allokazzjoni tal-marki lilha mogħtija mill-Bord tal-Għażla, b`konklużjoni li "in light of the above, the Board sees no justifiable reasons to change the allocated marks.", u di piu`, "On the basis of the above information, and prior to the Commission reaching a final decision, you are being given the opportunity to submit any further material facts in relation to the points you already raised in your petition within five (5) working days from the date of this email."*

*ILLI permezz ta` email datata 11 ta` Awissu, 2023 maħruġa mill-Avukat Dr. Chris Cilia indirizzata lil Ms. Joanne Gouder, Manager II, Public Service Commission kif ukoll lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (PSC), ressaq spjegazzjoni għan-nom tal-esponenti dwar il-bażi tal-petizzjoni tagħha li manfestament kienu juru li l-Board tal-Għażla kien naqas serjament fil-proċess segwiet biex tkun magħżula Charge Midwife u dan abbażi ta` aspetti varji, li fl-opinjoni umli tal-esponenti, kienu ġew jew kompletament injorati mill-imsemmi Bord, jew addirittura ma kienux allokati il-marki misthoqqa, iżda l-aktar aspett kruċjali tal-ilment li għandu jrendi null l-proċess kollu segwiet mill-Bord tal-Għażla huwa l-parteċipazzjoni fuq il-bord ta` Joseph Darmanin;*

*ILLI għandu jiġi spjegat li l-esponenti kienet u għadha attiva fis-settur tredjunjonistiku fi ħdan il-Malta Union of Midwives & Nurses (MUMN), għal xi żmien kienet tifforma parti mill-Eżekuttiv tal-imsemmija Union u sal-lum, tokkupa il-posiżżjoni ta` Chairperson tas-sotto-kumitat tal-qwiebel (Midwives) fi ħdanha;*

*ILLI dan qiegħed jingħad għaliex fil-fehema umli tal-esponenti, anzi bl-akbar konvinzjoni, li kif Joseph Darmanin ikkonfronta lill-esponenti waqt l-interview kien evidenti għaliha illi kellu ċertu anomosita` fil-konfront tagħha… u dan, ukoll fl-opinjoni tal-esponenti, billi l-imsemmi Joseph Darmanin kien ġie rifjutat (għal raġunijiet li mhux ser ikunu hawn imsemmija għaliex mhux importanti għal dawn il-proċeduri) milli jifforma parti mill-MUMN, tant li m`għandu l-ebda relazzjoni mal-MUMN, ħlief wieħed ta` konfrontazzjoni diretta u zgur mhux b'mod mistur;*

*ILLI f`dawn iċ-ċirkostanzi prevalenti, meta l-esponenti hija attiva fis-settur trejdjunjonistiku fi ħdan l-MUMN, l-esponenti ssostni mingħajr ebda tlaqliq li l-imsemmi Joseph Darmanin kien influenti fuq il-membri l-oħra tal-Bord, tant li hija*

*soffriet certa marki baxxi u dunque ta' diskriminazzjoni fil-konfront taghha minħabba l-opinjoni suġġettiva ta` membru partikolari tal-Bord tal-Għażla, nuqqas serju li għandu jwassal sabiex il-proċess kollu jkun iddikjarat vizzjat u null, bil-konsegwenza li għandu jitwettaq mill-ġdid ovvjament minn Bord tal-Għażla differenti wara li tinħareġ sejħa oħra.*

*ILLI wara il-kommunikazzjoni tal-Avukat Dr Chris Cilia surreferita, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, wiegbet fil-31 ta' Awwissu, 2023, li ".... there are no valid reasons to justify a change in the result of the selection process and the case is now deemed as closed."*

*ILLI l-esponenti ħassietha ferm diżappuntata li d-dritt taghha biex ikun hemm proċess trasparenti u oġġettiv għall-għażla ta' Charge Midwife kien leż;*

*ILLI għal dawn ir-raġunjiet hekk kif tafhom personalment l-esponenti, qedha tkun intavolata din il-kawża.*

U wara li hekk ippremettiet, l-attriċi talbet lil din il-Qorti:-

1. *Tiddikjara illi l-għemil fuq imsemmi tal-intimati jew min minnhom sar b'abbuż u b'irregolaritajiet li jmorru kjarament kontra l-liġi u li għalhekk jikkostitwixxu ksur tal-Artikolu 469A (1)(b) u dan għaliex l-għemil twettaq minn awtorita' pubblika u/jew mill-istess intimati jew min minnhom f'isem Awtorita' Pubblika, naqsu milli josservaw il-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-għemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-għemil; u/jew għaliex l-għemil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tal-awtorita' pubblika billi dan sar għal għanijiet mhux xierqa w issejjes fuq konsiderazzjoni mhux rilevanti, in kwantu tali decizjoni u/jew rakkomandazzjoni mill-Bord tal-Ghazla mahtur mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ghall-iskop tal-ghazla ta' Charge Midwife, ma kienx trasparenti anzi kien ivvizzjat u dunque null ab initio ghall-effetti kollha tal-ligi u/jew l-għemil amministrattiv mar mod ieħor kontra l-liġi;*

2. *Tiddeċiedi li r-rikorrenti għandha dritt titlob sabiex il-proċess kollu tal-għazla de quo ikun dikkjarat null minħabba l-fatt li l-għemil fuq imsemmi kien ivvizzjat ab intio, b'abbuż u b'irregolaritajiet u konsegwentement tiddikjara tali proċess għandu jkun imħassar;*

3. *Tiddeċiedi u tordna li jkun hemm sejħa mill-ġdid għall-post ta' Charge Midwife mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u l-Ministeru tas-Saħħa;*

4. *Tiddeċiedi u tordna li l-proċess tal-għażla ta' Charge Nurse għandu jkun immexxi minn Bord tal-Ghazla b'membri ohra u ċertament mhux dawk li kienu jiffurmaw il-Bord tal-Għażla preċedenti;*

5. *Tillikwida kumpens xieraq u adegwat dovut lir-rikorrenti bħala danni per konsegwenza ta' dan l-għemil fuq imsemmi;*

6. *Tordna lill-istess intimati jew min minnhom sabiex fi żmien qasir u perentorju jħallsu lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata;*

*u dan prevja kull dikjarazzjoni jew provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali, inkluż dwar tal-ittra ġudizzjarja datata 28 ta' Diċembru, 2023 annessa, kontra l-intimati li huma minn issa nġunti in subizzjoni, u b'riserva għal kull azzjoni oħra spettanti lir-rikorrenti.*

Rat ir-**risposta tal-konvenut is-Segretarju Permanenti għall-Ministeru għas-Saħħa** ppreżentata fil-5 ta' Marzu, 2024 permezz ta' liema eċċepixxa:-

*Illi l-eċċeżżjonijiet tal-esponent hawn taħt elenkati qegħdin jingħataw mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

***<u>Eċċezzjonijiet Preliminari</u>***

1. *Illi preliminarjament għandha issir korrezzjoni fl-okkju stante illi l-Ministeru imħarrek huwa fil-fatt l-Ministeru għas-Saħħa u Anzjanita' Attiva u mhux il-"Ministeru tas-Saħħa" kif indikat mir-rikorrenti.*

2. *Illi preliminarjament ukoll, sa fejn l-ilment tar-rikorrenti huwa indirizzat fil-konfront ta' kwalunkwe stadju tal-proċess tal-petizzjoni ai termini tar-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku dwar Ħatriet (L.S Kost. 05), senjament l-proċess li jiskatta u jitmexxa ai termini ta' regolament 24 ta' l-istess Legislazzjoni Sussidjarja, l-esponent Segretarju Permanenti fi ħdan l-Ministeru għas-Saħħa mhuwiex il-leġittimu kontradittur stante illi huwa m'għandu ebda setgħa, diskrezzjoni jew vires ta' tmexxija u deċiżjonijiet meħuda meta issir petizzjoni, liema proċess huwa strettament u esklussivament taħt il-kontroll u tmexxija tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ai termini tal-Leġislazzjoni Sussidjarja suċitata kif ukoll l-'Manual on Industrial Relations and the Selection and Appointment Process under Delegated Authority in the Malta Public Service'' (minn issa l-quddiem 'il-Manual') (kopja tal-istess Manual annessa u mmarkata Dok PS1);*

3. *Illi magħdud mas-suespost, jingħad li f'dan il-każ l-esponenti segwew d-deċiżjoni tal-Kummissjoni rigward l-petizzjoni tar-rikorrenti u b'hekk ma sar ebda att jew għemil amministrattiv hekk kif imfisser mill-artikolu 496A tal-Liġijiet ta' Malta min-naħa tal-esponent u għalhekk ma hemm ebda lok ta' reviżjoni fil-konfront tal-esponent dwar att jew għemil amministrattiv a tenur tal-artikolu 496A;*

4. ***Illi l-esponenti jirrileva in-nuqqas ta' integrita tal-ġudizzju stante illi jekk dato ma non concesso jintlaqgħu t-tieni (2), it-tielet (3) u/jew ir-raba' (4) talba, dawn se jolqtu u jkollhom effett dirett fuq terzi li mhumiex parti mill-proċeduri odjerni, ossia l-għaxar (10) kandidati li ġew maħtura fil-kariga permezz tas-***

***sejħa ikkontestata, xi ħaġa li ma tistax issir ai termini tal-Artikolu 237 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;***

5. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, sa fejn bir-raba' talba, r-rikorrent qiegħed jitlob ordni speċifika, tali talba ma tistax tintlaqgħa għaliex l-azzjoni taħt l-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma tistax tintuża' sabiex tordna l-Gvern ta' Malta jew l-entitajiet, Ministeri, awtoritajiet u dipartimenti fi ħdanu sabiex jagħmlu xi azzjoni, iżda tista' tintuża' biss biex tħassar deċiżjoni amministrattiva u terġa' tqiegħed l-affarijiet fi status quo ante*[1] *biss.*

***<u>Dikjarazzjoni tal-Fatti</u>***

*Illi l-esponent jixtieq iġib is-segwenti fatti magħrufa minnhu għal konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti:*

a. *Illi fl-għaxra (10) ta' Marzu 2023 ġiet ippublikata sejħa interna għal kariga ta' "Charge Midwife" fl-iSptar Mater Dei, fi ħdan il-Ministeru għas-Saħħa, liema kariga ħarġet skont is-setgħat delegati lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa (kopja tas-sejħa annessa bħala Dok. A mar-rikors promotur);*

b. *Illi mad-data tal-għeluq tas-sejħa ossia nhar l- erbgħa u għoxrin (24) ta' Marzu 2023 ġew intavolati tlieta u għoxrin (23) applikazzjoni;*

c. *L-Bord tal-Għażla li wettaq l-intervisti kien kostitwit mis-Sur Joseph Darmanin bħala Chairperson flimkien mal-membri Mario Borg u Dorothy Meli, ġie appuntat fil- 21 ta' April 2023;*

d. *Illi l-kriterji ta' selezzjoni li ġew ikkunsidrati mill-bord sabiex issir il-konkorrenża tal-kandidati kienu ħamsa ossia: (1) Related Knowledge (massimu 40 punt); (2) Relevant Experience (massimu 60 punt); (3) Qualifications (massimu 40 punt); (4) Skills and Abilities (massimu 40 punt); (5) Personal Qualities (massimu 20 punt).*

e. *Illi dawn l-kriterji ta' selezzjoni ġew ikkomunikati lil kandidati u dan skont regolament 2.13 tal-<u>Manual on Industrial Relations and the Selection and Appointment Process under Delegated Authority in the Malta Public Service</u> (minn issa il-quddiem "il-Manwal");*

f. *Illi tajjeb jingħad illi taħt kull kriterji ikun hemm sotto-kriterji bħal fil-każ odjern u dan skont klawżola 3.3 tal-Manwal. <u>A kuntrarju tal-kriterji, is-sotto kriterji kif ukoll il-weightings ta' kull kriterju ma jiġux ikkomunikati lil kandidati qabel l-istess intervista, kif fil-fatt ġara (vide klawżola 2.13 u 3.3 tal-manual);</u>*

g. *Illi tali kriterji u sotto kriterji jiġu approvati mill-Kummissjoni u huma intiżi biex is-sejħa u l-punteġġi li jingħataw lil kandidati flimkien mal-gradwatorja tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi. Kopja tal-punteġġi li ingħatat r-rikorrenti għal kull kriterji u sotto kriterji hija ġia annessi bħala Dok. 5 man-nota intavolata mir-rikorrenti datata 15 ta' Frar 2024;*

[1] *Vide* is-Sentenza fl-ismijiet "***David Gatt -vs Prim Ministru Dr. Edward Fenech Adami u l-Kummissarju tal-Pulizija***" deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' April (Citazzjoni Numru. 1548/2001/1)

h. *Illi l-intervisti mal-kandidati saru lkoll fil- 23 u fl- 24 ta' Mejju 2023 u r-riżultati nħarġu fit- 12 ta' Lulju 2023;*

i. *Illi l-esponent huwa infurmat illi qabel l-intervisti u meta r-rikorrenti ġiet infurmata dwar min huma l-membri tal-Bord, ma saret ebda petizzjoni mir-rikorrenti mal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku ai termini tar-Regolament 19 u 24 tal-Legislazzjoni Sussidjarja Kost.05 dwar l-presenza ta' ċertu nies fuq l-Bord tal-Għażla;*

j. *Jirriżulta illi kien biss wara li saru l-intervisti u ħareġ ir-riżultat li saret petizzjoni mir-rikorrenti fit- 18 ta' Lulju 2023 stante illi hija ma kienetx qegħda taqbel mar-riżultat (kopja ta' din l-korrispondenza annessa bħala Dok. 6 man-nota intavolata mir-rikorrenti datata 15 ta' Frar 2024).*

k. *Illi minn din l-istess korrispondenza jirriżulta illi minkejja dak l- ilment, il-Bord tramite l-Kummissjoni ma ħassx illi kien hemm raġunijiet li għalihom kellhu jiġi mibdul r-riżultat. Sussegwentament, il-Kummissjoni tat perjodu ulterjuri ta' ħames (5) t'ijiem ta' xogħol sabiex l-istess rikorrenti tagħti feedback tagħha qabel mal-Kummissjoni tagħti id-deċiżjoni finali tagħha.*

l. *Illi r-rikorrenti wieġbet tramite l-avukat difensur tagħha u permezz ta' deċiżjoni fil- 31 ta' Awissu 2023, l-Kummissjoni iddeċidiet kif ġej: "The Commission is of the view that the Selection Board has adequately addressed the points in your petition and decided that there are no valid reasons to justify a change in the result of the selection process and the case is now deemed as closed".*

m. *Illi fl-istess ġurnata ossia fil- 31 ta' Awissu 2023, l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku infurmat lil esponent illi l-petizzjonijiet quddiem l-Kumissjoni ġew konklużi u illi l-esponent Segretarju Permanenti setgħa jipproċedi bl-appuntamenti skont l-liġi.*

n. *In ottemporanza ma dik id-deċiżjoni l-esponent ipproċeda billi appunta l-ewwel ħames konkorrenti fit- 8 ta' Ottubru 2023;*

o. *Illi l-esponent sussegwentament appunta l-konkorrenti li ġew bejn is-sitt (6) u l-għaxar (10) post f'din is-sejħa u dan fil- 15 ta' Diċembru 2023.*

***Eċċezzjonijiet fil-Mertu***

6. *Illi qabel xejn mhuwiex ċar mir-rikors promotur jekk r-rikorrenti huwiex effettivament qiegħed jattakka il-konkorrenza u riżultat kif maħruġ mill-Bord tal-Għażla fil-konfront tagħha jew inkella jekk hijiex qegħda tikkontesta id-deċiżjoni aħħarija tal-Kummissjoni fil-konfront tagħha. Illi l-esponent jirrileva f'dan l-istadju illi huwa qiegħed jirriżerva id-drittijiet tiegħu spettanti lilhu skont l-liġi sabiex irressaq eċċezzjonjiet ulterjuri f'każ li r-rikorrenti jirregola ruħu aħjar dwar dan l-punt;*

7. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jirrespinġu kwalunkwe allegazzjoni bħala infondata fil-fatt u fid-dritt;*

8. *Illi l-ewwel u qabel xejn, u bla ħsara għal dak hawn fuq eċċepit, jiġi rilevat li d-deċiżjonijiet meħuda mis-Segretarju Permanenti ma ngħatawx bi ksur tal-artikolu 469A(1)(b)(ii) u (b)(iii) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kif qiegħed jallega r-rikorrenti għaliex dan kien qiegħed isegwi d-direzzjoni li ngħatat mill-Kummissjoni wara l-petizzjoni tar-rikorrent u għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ma jistħoqqilhomx li jiġu milqugħa;*

9. *Illi l-ilmenti tar- rikorrenti taħt l-artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe' li s-Segretarju Permanenti u/jew delegati tiegħu u/jew persuni maħtura taħt xi setgħa tiegħu naqsu milli josservaw l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali mandatorji huma infondat fil-fatt u fid-dritt. Illi anke mill-provi ippreżentati mir-rikorrenti sa' dan l-istadju jirriżulta li l-proċeduri kif elenkati kemm fir-Regolament Kost. 05 kif ukoll fil-Manwal ġew fil-fatt osservati mill-esponent. In oltre, skont l-istess regolamenti senjament Regolament 24 tal-Kost. 05, l-esponent ipproċeda billi appunta lil kandidati wara li l-Kummissjoni tat direzzjoni lil esponent illi jista jkompli bil-ħatriet u dan wara li l-istess Kummissjoni trattat l-istess petizzjoni. Jiġi rilevat ukoll illi kif tikkonferma r-rikorrenti ex admissis fl-affidavit u d-dokumentazzjoni intavolati permezz ta' nota datata 15 ta' Frar 2024, hija ingħatat il-fakoltajiet kollha legali sabiex tikkontesta tali riżultat u l-ilment tagħha ġie fil-fatt mismuħ u skrutiniżat mill-Kummissjoni, li hija awtorita pubblika kompletament indipendenti mill-esponent;*

10. *Magħdud mal-premess jingħad illi deliberazzjoni mill-Bord tal-Għażla seħħet fl-ambitu tar-Regolamenti (Kost.05) u l-Manwal relevanti inkluż il-Kriterji u Sotto Kriterji stabbiliti u li applikaw mingħajr distinzjoni mal-kandidati kollha. Jingħad ukoll li minkejja li fil-premessi r-rikorrenti tagħti x'tifhem illi setgħa kien hemm xi parzjalita minn xi membri tal-Bord, jiġi rilevat illi din l-allegazzjoni hija ukoll infondata fil-fatt u fid-dritt. Tant huwa hekk illi minkejja li hija kienet taf minn huma l-membri tal-Bord tal-Għażla qabel ma' saret l-intervista, hija xorta waħda ma kkontestatx l-presenza tal-istess membri tal-Bord tal-Għażla, minkejja l-fatt li hi kellha dritt tagħmel dan;*

11. *Illi l-ilment tar-rikorrenti lanqas ma jista' jirnexxi taħt l-artikolu 469A(1)(b)(iii) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Kuntrarjament għal dak li qiegħda tgħid r-rikorrenti , d-deċiżjonijiet tal-intimati, jew min minnhom, fl-ambitu ta' din is-sejħa ittieħdu ai termini tal-Liġi Sussidjarja Kost.05 u l-Manwal relevanti. Kif tikkonferma hija stess mid-dokumentazzjoni ippreżentata man-nota datata 15 ta' Frar 2024, hija ġiet aġudikata a bażi ta' kriterji u sotto kriterji stabbiliti bil-quddiem u ma saru ebda konsiderazzjonijiet oħrajn;*

12. *Illi in vista tas-suespost, ċertament ma jistgħax jingħad illi id-deċiżjoni mittieħda fil-konfront tar-rikorrent tikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità*

*pubblika billi dan sar għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;*

13. *Illi bla ħsara għal dan kollu, dwar il-ħames u sitt talba tar-rikorrent, l-esponenti jisħqu li r-rikorrent trid iġib prova tal-ħsara li tgħid li ġarbet u li f'kull każ huma ma wettqu l-ebda dannu lir-rikorrent. Barra minn hekk, fl-isfond tal-artikolu 469A(5) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-esponent jżied ukoll li huwa ma jistgħax jitqies responsabbli għad-danni għaliex fil-qadi ta' dmirijiethom dejjem aġixxiw b'rieda tajba u ma tirrizulta ebda mala fede;*
14. *Illi l-esponent ukoll jirrileva illi kemm huwa kif ukoll l-uffiċjali tiegħu ma għamlu xejn li jista' jitqies abbużiv, irraġonevoli jew illegali, b'dan għalhekk li m'għandux ikun hemm lok li l-ħames u sitt tar-rikorrenti jintlaqgħu;*
15. *Illi jsegwi li l-lanjanzi u t-talbiet kollha tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda;*
16. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont l-liġi.*

Rat ir-**risposta ġuramentata tal-konvenuti l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u tal-Avukat tal-Istat** ippreżentata fil-5 ta' Marzu 2024, permezz ta' liema eċċepixxew:-

***Dikjarazzjoni tal-Fatti***

*1. Illi l-esponenti jeċepixxu illi l-fatti kif dikjarati mir-rikorrenti qegħdin jiġu kkontestati;*

*Illi fl-għaxra (10) ta' Marzu 2023, is-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għas-Saħħa ippubblika sejħa interna għall-post ta' Charge Midwife, kopja ta' liema sejħa hija annessa mar-rikors promotur u mmarkata bħala Dok. A. Din is-sejħa ġiet maħruġa mis-Segretarju Permanenti li għandu d-delega li joħroġ sejħiet u jagħmel ħatriet fi ħdan il-Ministeru għas-Saħħa, skont delega li nħarġet mill-Prim Ministru abbażi tal-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni, kopja ta' liema hawn annessa u mmarkata bħala Dok PSC 1;*

*Illi wara li ġie publikat ir-riżultat mill-Ministeru għas-Saħħa, beda l-perjodu li fih jistgħu jitressqu petizzjonijiet. Fit-18 ta' Lulju 2023 il-Kummissjoni rċeviet petizzjoni mir-rikorrenti s-Sa Luciana Brincat Xuereb tikkontesta r-riżultat – kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok PSC 2;*

*Il-Kummissjoni talbet feedback mingħand il-Bord dwar il-punti mqajjma mir-rikorrenti fil-petizzjoni tagħha, għaddiet dan il-feedback lir-rikorrenti u infurmatha li għandha ħamest ijiem tax-xogħol sabiex tressaq sottomissjonijiet ulterjuri dwar dan. Ir-rikorrenti bagħtet is-sottomissjonijiet tagħha, u l-Kummissjoni għamlet il-verifiċi tagħha u waslet għad-deċiżjoni, liema deċiżjoni ġiet mibgħuta lir-rikorrenti nhar il-31 ta' Awissu 2023 – kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok PSC 3;*

*Illi wara li ġiet deċiża l-petizzjoni, il-Kummissjoni kkunsidrat il-każ bħala magħluq. Il-Kummissjoni għarrfet lill-Ministeru għas-Saħħa dwar dan, u li jista' b'hekk jipproċedi bil-ħatriet;*

*Illi fl-istess żmien, il-Kummissjoni kienet ukoll iddeċidiet petizzjoni magħmula minn kandidata oħra, u fis-27 ta' Ottubru 2023 ġiet notifikata b'rikors magħmul minn din il-kandidata b'talba għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex jitwaqqaf il-proċess tal-ħatra ta' 'Charge Midwife' skont din l-istess sejħa. Illi din it-talba ġiet definittavement miċħuda nhar id-29 ta' Novembru 2023;*

*Illi sussegwentement, il-Kummissjoni ma reġgħetx kienet involuta fil-proċess ta' sejħa u għażla delegat lis-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għas-Saħħa;*

*Illi nhar it-12 ta' Jannar 2024, il-Kummissjoni ġiet notifikata b'ittra uffiċjali mibgħuta mis-Sa Luciana Brincat Xuereb. Nhar it-18 ta' Jannar 2024, il-Kummissjoni wieġbet permezz ta' ittra uffiċjali responsiva hawn annessa u mmarkata bħala Dok PSC 4;*

*Illi l-Avukat tal-Istat qatt ma kellu ebda involviment fil-proċess ta' għażla u ħatra;*

*Illi l-esponenti ġew notifikati bir-rikors ġuramentat in risposta nhar is-16 ta' Frar 2024;*

***Eċċezzjonijiet Preliminari***

*2. Illi preliminarjament, l-esponent Avukat tal-Istat jeċepixxi illi mhuwiex leġittimu kontadittur ai termini tal-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex huwa la kellu u lanqas għandu ebda rwol jew involviment fl-att amministrattiv mertu tal-kawża, u li b'hekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;*

***3. Illi mingħajr preġudizzju u b'mod preliminari wkoll, l-esponenti jeċepixxu illi l-kandidati li applikaw għas-sejħa li qiegħda tintalab li tiġi dikjarata nulla u mingħajr effett jistgħu jiġu affetwati mill-eżitu ta' dina l-kawża u għaldaqstant il-ġudizzju qatt ma jista' jkun integru mingħajr ma' dawn jissejħu fil-kawża fit-termini tal-artikolu 961 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[2];***

*4. Illi prelimarjament wkoll, it-tielet u r-raba' talbiet ma jistgħux jintlaqgħu għaliex azzjoni taħt l-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta tista' tintuża' biss biex tħassar deċiżjoni amministrattiva u terġa' tqiegħed l-affarijiet fi status quo ante, u ma tistax tintuża' biex tordna l-Gvern jagħmel xi ħaġa. Illi semmai f'każ li l-Qorti tiddeċiedi illi tħassar id-deċiżjoni/jiet meħuda, il-kwistjoni tiġi rimessa mill-ġdid lill-konvenuti biex huma jagħtu r-rakomandazzjoni u deċiżjoni tagħhom fit-terminu tal-konsiderazzjonijiet kollha rilevanti;*

[2] *Vide* per ezempju ***Malcolm Bondin et vs Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku et*** (858/2020/1MCH) deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar is-26 ta' Ottubru 2022

***Eċċezzjonijiet fil-mertu***

*5. Illi subordinament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jirrespinġu l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrenti u dan peress li huma dejjem aġixxew skont id-dettami tal-liġi u entro l-parametri tal-istess liġi u regolamenti viġenti kif ukoll dejjem osservaw il-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil tagħhom u fid-deliberazzjonijiet magħmula minnhom qabel dwar dak l-egħmil;*

*6. Illi mhuwiex ċar jekk ir-rikorrenti hijiex qiegħda tallega ksur tas-subinċiż (1)(b)(i) tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, peress illi fit-talbiet tiċċita biss parti minnu. Għal kull buon fini, l-esponenti jeċepixxu li ma jistax jingħad li l-att amministrattiv sar b'mod ultra vires billi twettaq minn awtorita' pubblika li mhix awtorizzata li twettqu, peress illi d-deċiżjoni dwar il-petizzjoni saret mill-Kummissjoni intimata li għandha s-setgħa li tagħti l-istess deċiżjoni, u dan kollu ai termini tar-regolament 24 tal-L.S.Kost.05;*

*7. Illi dwar l-allegazzjoni li l-att amministrattiv huwa ultra vires ai termini tas-subinċiż (1)(b)(ii) tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-esponenti jirrespinġu din l-allegazzjoni u jisħqu li d-deċiżjoni tirrispetta u tirrifletti l-prinċipji ta' ġustizzja naturali u l-ħtiġijiet proċedurali;*

*Id-deċiżjoni tal-petizzjoni ttieħdet wara li r-rikorrenti ngħatat l-opportunita' tagħmel is-sottomissjonijiet u l-argumenti tagħha tramite' rappreżentant legali tal-għażla tagħha. M'hemm ebda ħtieġa li tiġi ffissata seduta u li jitressqu sottomissjonijiet bil-fomm għaliex huwa biżżejjed li ż-żewġ partijiet jingħataw l-istess opportunità sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom[3]. Il-prinċipju audi alteram partem, ma jfissirx li l-parti milquta trid bilfors tinstema', iżda li tingħata l-opportunità li tressaq il-każ tagħha[4];*

*F'dak li jirrigwarda motivazzjoni tad-deċiżjoni, il-Kummissjoni spjegat il-bażi tad-deċiżjoni tagħha li ġiet ikkomunikata mar-rikorrenti.[5] Il-Kummissjoni spjegat ukoll lir-rikorrenti illi hija setgħet biss tikkunsidra oġġezzjonijiet li ġew imressqa fil-petizzjoni u ma setgħetx tikkonsidra aggravji ġodda mqajjma fl-argumentazzjoni. Di piu', ħafna mill-argumentazzjoni fil-premessi fir-rikors promotur u fl-affidavit u dokumenti mressqa mir-rikorrenti lanqas biss ġew komunikati bl-ebda mod mal-Kummissjoni fl-ebda stadju u qed jiġu mqajjma għall-ewwel darba f'din l-azzjoni;*

*8. Illi l-esponenti jeċepixxu illi għalkemm bl-ebda mod ma ġie spjegat fir-rikors promotur in risposta fuq liema bażi qiegħed jiġi allegat li d-deċiżjoni tal-esponenti tikser dan is-subinċiż (1)(b)(iii) tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ċertament ma jistax jingħad li l-istess deċiżjoni ttieħdet*

[3] ***Gourmet Company Limited vs. Avukat Ġenerali***, Q.Kost., 27.06.2006.
[4] ***A & J Ta' Miema Ltd vs. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud***, P.A.(Sede Kostituzzjonali), 14.10.2004.
[5] Ara sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva bir-rikors numru 97/2020 SG fl-ismijiet ***Kunsill Lokali tal-Gharb vs L-Awtorita' tal-Artijiet***, deċiża nhar l-10 ta' Mejju 2021, u sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva tat-18 ta' Diċembru 2020 fl-ismijiet ***Salvatore Borg u martu Yvonne Borg vs L-Awtorita` tal-Artijiet,*** Rikors Numru 36/2020;

*b'abbuż tas-setgħa u/jew li ttieħdet għal għanijiet mhux xierqa jew ġiet imsejsa fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;*

*Il-Kummissjoni qieset l-aggravji mressqa mir-rikorrenti fil-petizzjoni tagħha, kif sussegwentement spjegati f'iżjed dettal fis-sottomissjonijiet tagħha, u qieset illi l-Bord tal-Għażla ta spjegazzjoni tajba għall-għoti tal-marki kkontestati mir-rikorrenti. Il-Kummissjoni ma setgħetx tqis aggravji ġodda mqajjma fis-sottomissjonijiet li ma ġewx imqajjma fil-petizzjoni oriġinali li ġiet imressqa fit-terminu ta' għaxart ijiem impost mil-liġi, kif spjegat tajjeb lir-rikorrenti;*

*9. Illi l-esponenti jirrespinġu wkoll l-allegazzjoni li d-deċiżjoni tikser xi dispożizzjoni oħra tal-liġi bi ksur tal-artikolu 469A(1)(b)(iv) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għal darb'oħra, minkejja din l-allegazzjoni fieragħ, ir-rikorrenti ma tindikax liema artikoli tal-liġi ġew allegatament miksura b'din id-deċiżjoni;*

*10. Illi ġialadarba jirriżulta illi d-deċiżjoni li qiegħda tattakka r-rikorrenti meħuda mill-Kummissjoni esponenti ma tmurx kontra l-Kostituzzjoni u lanqas ma hija ultra vires, allura din l-Onorabbli Qorti skont l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ta' Malta għandha tiddelikina milli tistħarreġ jew twaqqa' d-deċiżjoni tal-imsemmija Kummissjoni;*

*11. Illi bla ħsara għal dan kollu, dwar il-ħames talba tar-rikorrenti, l-esponenti jisħqu li r-rikorrenti trid iġġib prova tal-ħsara li tgħid li ġarrbet u li f'kull każ huma ma wettqu l-ebda dannu lir-rikorrenti. Barra minn hekk, fl-isfond tal-artikolu 469A(5) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-esponenti jżidu wkoll li huma ma jistgħux jitqiesu responsabbli għad-danni għaliex fil-qadi ta' dmirijiethom dejjem aġixxew b'mod raġonevoli u b'rieda tajba;*

*12. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;*

*13. Bl-ispejjeż.*

Rat li fis-seduta tas-16 t'April 2024[6] il-partijiet qablu li l-ewwel għandhom ikunu deċiżi r-raba' eċċezzjoni tal-konvenut is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa u t-tielet eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat u tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Semgħet il-provi u s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-atti proċesswali.

[6] Verbal a fol 350

Ikkunsidrat

Illi din il-kawża tittratta dwar sejħa u proċess t'applikazzjoni u għażla għal post ta' Charge Midwife, li seħħ fl-2023.

Illi mill-provi mressqa s'issa jirriżulta li tlieta u għoxrin persuna wieġbu għal din is-sejħa pero jidher li wieħed mill-kandidati ma kkompletax il-proċess[7]. Wara li sar il-proċess tal-għażla, inkluż intervista ma' kull wieħed mill-kandidati, ħareġ ir-riżultat. Minn dan ir-riżultat jidher li t-tnejn u għoxrin kandidat għaddew; huma ġew gradwati skond il-marka li ġabu; l-attriċi klassifikat fl-għoxrin post. Hija għamlet petizzjoni lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku pero ma ngħatatx raġun mill-Kummissjoni. Jidher li saret petizzjoni oħra minn xi kandidat ieħor dwar dan il-proċess ta' għażla. Wara li ġew konklużi dawn iż-żewġ petizzjonijiet l-Ministeru ġie infurmat li jista' jipproċedi billi jappunta l-kandidati skond ir-riżultat imsemmi. Fit-8 ta' Ottubru 2023 ġew appuntati l-ewwel ħames kandidati (dawk li klassifikaw l-ewwel sal-ħames) u fil-15 ta' Diċembru 2023 ġew appuntati l-ħames kandidati ta' wara (dawk li kklassifikaw fis-sitt post sal-għaxar post).

Illi l-attriċi tilmenta li hemm animosita' bejn membru li kien fil-Bord tal-Għażla, u l-Union li l-attriċi hi attiva fiha (MUMN) u li dan influwixxa fuq il-mod kif ġiet assessjata u konsegwentement anke fuq ir-riżultat tagħha. Ladarba ma ngħatatx raġun mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, hi qed tfittex li tannulla dan il-proċess tal-għażla permezz ta' din il-kawża, dan  skond l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta (il-Kap 12).

Ikkunsidrat

Illi l-eċċezzjonijiet li qed jiġu deċiżi permezz ta' din is-sentenza jirrigwardaw l-integrita' o meno tal-ġudizzju u dan fid-dawl tal-artikli 237[8] u 961[9] tal-Kap 12. Il-konvenuti jgħidu li ladarba l-attriċi qed titlob li l-proċess tal-għażla jkun dikjarat null u li jerġa' jsir mill-ġdid, dawn it-talbiet, jekk milqugħin, se jolqtu direttament lill-għaxar persuni l-oħra li ntagħżlu għal din il-kariga, u anke dawk li ma ntagħżlux. Għalhekk, isostnu, hu meħtieġ li din is-sitwazzjoni titranġa qabel il-kawża tkompli, u li dawn il-persuni ikunu parti fil-kawża. L-attriċi da parti

[7] Dan jingħad għaliex l-elenku tal-kandidati fir-riżultat jinkludi tnejn u għoxrin persuna.
[8] Invokat mill-konvenut Is-segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għas-Saħħa.
[9] Invokat mill-konvenuti l-oħra.

tagħha tilqa' għal dawn l-eċċezzjonijiet billi tgħid li għalkemm il-kandidati l-oħra jista' jkollhom interess fl-eżitu tal-kawża pero la darba din hija azzjoni skond l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-ġudizzju huwa sħiħ kif inhu.

Ikkunsidrat

Illi sitwazzjoni simili għal din in eżami kienet rinfaċċjata biha din l-Qorti kif diversament presjeduta fil-kawża **Avukat Dottor Tanya Sciberras Camilleri noe vs Onorevoli Dr Emanuel Mallia et**[10]. F'dik il-kawża l-attriċi nomine kienet qed tilminta dwar il-proċess li bih tmexxiet is-sejħa għall-għażla ta' fornitur ta' Servizzi ta' Speċjalista fil-Programm ta' Investimenti Individwali għaliex fil-fehma tagħha dak il-proċess kien tmexxa b'mod abbużiv u bi ksur tal-liġi. Hija għamlet proċeduri skont l-artikolu 469A tal-Kap 12. Il-konvenuti f'dik il-kawża, li ma kienux jinkludu l-konkorrent magħżul (jew konkorrenti oħra), eċċepew in-nuqqas ta' integrita ta' ġudizzju. Jidher li l-konvenuti kienu tal-fehma li l-ġudizzju ma jistax ikun sħiħ jekk dak il-konkorrent l-ieħor ma jkunx ukoll parti fil-kawża u talbu il-kjamat in kawża tiegħu. Il-Qorti, wara li għamlet konsiderazzjonijiet ġenerali dwar l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' integrita tal-ġudizzju u kunsiderazzjonijiet speċifiċi dwar dik l-eċċezzjoni meta tiġi sollevata f'proċeduri tentati skont l-artikolu 469A, ċaħdet l-eċċezzjoni. Dik il-Qorti qalet hekk:

> *Illi huwa miżmum li l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' integrita' tal-ġudizzju hija waħda dilatorja li trid titqajjem – bħalma sar f'dan il-każ – fil-bidu tal-kawża. In-natura tal-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' integrita' tal-ġudizzju hija mibnija fuq tliet (3) konsiderazzjonijiet ewlenin, jiġifieri (i) fuq il-ħtieġa li f'kawża jieħdu sehem dawk kollha li huma interessati fil-kwestjoni, (ii) li jiġi assikurat li l-ġudizzju jkun wieħed effikaċi, u (iii) li jitħares kemm jista' jkun il-prinċipju tal-ekonomija tal-ġudizzju. B'dan il-mod, li l-ġudizzju jkun wieħed sħiħ għandu jinteressa aktar lill-parti attriċi milli lill-parti mħarrka. Lanqas ma jidher li l-eċċezzjoni hija bażata fuq xi eżiġenza formali, preċiża li tindika nuqqas insanabbli (Ara App Ċiv. 15.1.1992 fil-kawża fl-ismijiet Żahra Dedomenico et vs Żahra Dedomenico: Kollez. Vol LXXVI.i.182);*

[10] Deċiża fl-14 ta' April 2015.

*Illi s-siwi tal-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' integrita' tal-ġudizzju jrid tabilfors jitqies fil-qafas tan-natura tal-azzjoni li fiha titqajjem dik l-eċċezzjoni. Fil-każ tal-lum, l-azzjoni hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju li hija waħda ta' għamla u karatteristika partikolari msejsa fuq binarji ta'ordni pubbliku;*

*Illi l-Qorti tqis li fil-qafas taċ-ċirkostanzi kollha fattwali u legali li joħorġu mill-atti tal-kawża sa issa, ma jistax jingħad li l-ġudizzju mhuwiex sħiħ. Arton timmira l-ilmenti tagħha kontra l-amministrazzjoni pubblika u mhux kontra l-konkorrent, u ma hija tressaq l-ebda allegazzjoni fil-konfront tal-konkorrent magħżul. Meqjusa l-parametri tal-kawżali u t-talbiet tal-azzjoni ta' Arton, ma jistax jingħad li hemm il-ħtieġa li l-konkorrent tkun parti fil-kawża. Huwa minnu li s-sejħa fil-kawża għandha wkoll l-għan li ssaħħaħ il-ġudizzju fejn dan jista' ma jkunx integru (App. Ċiv. 15.3.1991 fil-kawża fl-ismijiet Joseph Riolo pro et vs Carmelo Muscat: mhix pubblikata; App.Inf. 18.5.1995 filkawża fl-ismijiet Farruġia vs Fava: Kollez. Vol: LXXIX.ii.1110; u App. Ċiv. 27.1.1997 fil-kawża fl-ismijiet Azzopardi et noe vs Attard et: Kollez. Vol LXXXI.ii.217) (sakemm is-sejħa ma tintużax biex tiddaħħal f'kawża parti li messha kienet fil-kawża sa mill-bidu u minflok parti li ma kellha qatt tkun imħarrka). F'każ bħal dan x'aktarx li jaqa' fuq il-Qorti li tordna s-sejħa fil-kawża wkoll jekk ħadd mill-partijiet ma jkun talabha hu;*

*Illi, madankollu, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li saru, l-Qorti ma ssibx li l-eċċezzjoni preliminari hija tajba u hija tal-fehma li, kif inhu, l-ġudizzju huwa sħiħ għaliex fil-kawża hemm il-partijiet li tassew għandhom l-interess ġuridiku – u l-leġittimazzjoni attiva u passiva – li jkunu fil-kawża u ma jidhirx li hemm ebda ħaddieħor li jmissu qiegħed fil-kawża u mhuwiex;*

*Illi l-Qorti tagħraf li l-eżitu favorevoli tal-kawża miftuħa minn Arton tista' tolqot l-interessi tal-konkorrent magħżul, l-iżjed jekk jintlaqgħu t-talbiet ta' Arton. Imma dan ma jfissirx li Henley & Partners huma l-kontradditturi leġittimi tal-azzjoni attriċi jew li mingħajr dik is-soċjeta' il-ġudizzju f'din il-kawża mhuwiex sħiħ kif inhu. Dik il-konkorrent għandha, jekk jidhrilha li jkun il-każ, rimedji oħra proċedurali biex tħares l-interessi tagħha jew biex issemma' leħenha f'din il-kawża. U la għandha bżonn tissejjaħ fil-kawża u lanqas li l-imħarrkin, jew min*

*minnhom, jidhru għall-interessi tagħha. F'kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju bħalma hija din tal-lum, l-imħarrkin iridu jiddefendu biss l-interessi tagħhom li mxew kif messhom imxew skond il-ħaqq u l-liġi;*

Illi din il-Qorti tikkondividi dan ir-raġunament u hija tal-fehma li japplika għall-każ odjern.

Illi l-attriċi qed tikkontesta l-egħmil amministrattiv tal-konvenuti jew min minnhom, u ċioe il-mod kif tmexxa l-proċess tal-għażla; mhiex qed tallega xejn fil-konfront tal-kandidati l-oħra. Il-Qorti tirikonoxxi li jekk it-talba tal-attriċi tintlaqa' il-kandidati l-oħra jistgħu jiġu affetwati pero dan ma jibdilx il-fatt li l-ġudizzju huwa sħiħ u l-persuni li verament għandhom interess ġuridiku qegħdin fil-kawża; huma biss il-konvenuti (jew min minnhom) li jistgħu jirrispondu dwar kif tmexxa l-proċess tal-għażla u  huma biss jistgħu jippruvaw jiġġustifikaw il-mod kif tmexxa dak il-proċess u juru li mxew skond il-ħaqq u l-liġi.

Illi għal kull bon fini jingħad li anke fil-każ in eżami jekk xi wieħed mill-kandidati l-oħra jidhirlu li għandu l-interess meħtieg biex jipparteċipa fil-kawża jista' jirrikorri għal rimedji previsti mill-liġi.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed tiċħad ir-raba' eċċezzjoni tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għas-Saħħa u t-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti l-oħra l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u l-Avukat tal-Istat bl-ispejjeż ta' dan l-episodju kontra tagħhom.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**
ħra